



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 13 ta' Frar 2026
(OR. en)

2026/0010(COD)

PE-CONS 7/26

ECOFIN 68
RELEX 89
FIN 109
COEST 60
CODEC 99
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jemenda r-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna

REGOLAMENT (UE) 2026/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' ...

li jemenda r-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Frar 2022, il-President tal-Federazzjoni Russa ħabbar "operazzjoni militari speċjali" fl-Ukrajna, u l-forzi armati tar-Russja bdew gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna. Dik il-gwerra illegali ta' aggressjoni hija ksur sfaċċat tal-integrità territorjali, tas-sovranià u tal-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll ksur tal-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza stabbilita fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, li hija regola perentorja tad-dritt internazzjonali, u tal-prinċipji l-oħrajn tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (2) Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej immobilizzaw appoġġ mingħajr preċedent għar-reżiljenza ekonomika, soċjali, finanzjarja u tad-difiża tal-Ukrajna. Dak l-appoġġ jikkombina l-appoġġ mill-baġit tal-Unjoni, inklużi l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali u l-appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investment u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, iggarantiti bis-sħiħ jew parzjalment mill-baġit tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ finanzjarju ulterjuri mill-Istati Membri.

- (3) Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² stabbilixxa l-Faċilità għall-Ukrajna bħala strument eċċezzjonali fuq terminu medju li jiġbor flimkien l-appoġġ bilaterali pprovdut mill-Unjoni lill-Ukrajna, filwaqt li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-effiċjenza. Il-Faċilità għall-Ukrajna għet stabbilita għall-perjodu mill-2024 sal-2027 biex tgħin sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u tikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tagħha ta' rkupru, ta' rikostruzzjoni u ta' modernizzazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin tappoġġa l-isforz tar-riformi tal-Ukrajna bħala parti mill-perkors tagħha lejn l-adeżjoni mal-Unjoni.
- (4) Fi ...⁺, ġie adottat ir-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁺⁺, li jagħmel possibbli li l-Ukrajna tiġi appoġġjata fl-2026 u fl-2027 fil-forma ta' Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna li għandu jitħallas lura permezz ta' riparazzjonijiet dovuti mir-Russja.

² Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data ta' adozzjoni tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 6/26 (2026/0008(COD)).

³ Ir-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jimplementa kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027 (ĠU L,..., ELI: ...).

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tas-serje tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 6/26 (2026/0008 (COD)) u daħħal in-numru, id-data, ir-referenza ĠU u r-referenza ELI ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

- (5) Biex ta' aċċessa s-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna skont ir-Regolament (UE) 2026/...⁺, l-Ukrajna għandha tippreżenta Strateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna dwar il-ħtiġijiet u s-sorsi ta' finanzjament tagħha, li l-valutazzjoni tagħha għandha tiġi approvata mill-Kunsill permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni għandha tiddetermina l-ammont ta' assistenza li għandha ssir aċċessibbli għall-Ukrajna sabiex tgħin fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna, inklużi l-ammont għall-assistenza baġitarja u l-ammont għall-appoġġ tal-kapaċitajiet industrijali tad-difiża tal-Ukrajna.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tas-serje tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 6/26 (2026/0008(COD)).

- (6) Il-Faċilità għall-Ukrajna hija strument uniku eċċezzjonali fuq terminu medju li jiġbor flimkien l-appoġġ bilaterali pprovdut mill-Unjoni lill-Ukrajna, filwaqt li jiżgura l-koordinazzjoni u l-effiċjenza. L-oġġettivi tiegħu jinkludu, ;-għajjnuna biex tinżamm l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-pajjiż, il-kontribuzzjoni għall-irkupru paċifiku, ir-rikostruzzjoni, ir-restawr u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż, it-tisħiħ ulterjuri tal-istat tad-dritt, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-appoġġ għall-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-suq intern, u l-appoġġ għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa biex jallinjaw mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw ruħhom mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki tal-Unjoni bil-ħsieb ta' sħubija futura fl-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà, il-paċi, il-prosperità u s-sostenibbiltà reċiproċi. Għalhekk huwa xieraq li jiġi previst li l-assistenza baġitarja li tirriżulta mis-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna għandha tintuża permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna. Il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792 jipprevedi l-finanzjament lill-Ukrajna meta jiġu ssodisfatti b'mod adegwat il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Pjan għall-Ukrajna, li jistabbilixxi l-aġenda ta' riforma u investiment tal-Ukrajna. Jenħtieġ li l-Pjan għall-Ukrajna jiġi aġġornat sabiex tiġi riflessa tali assistenza baġitajra addizzjonali, inklużi miżuri sabiex jissaħħu l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/792 jiġi emendat kif xieraq.

- (8) Fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u tal-ġrajjet ġeopolitiċi riċenti, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (9) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna u sabiex tkun tista' ssir l-applikazzjoni bla telf ta' żmien tal-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi tar-Regolament (UE) 2024/792

Ir-Regolament (UE) 2024/792 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 6, fil-paragrafu 4 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammonti magħmulin aċċessibbli skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2026/...⁺ għandhom jiġu implimentati bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali skont il-Kapitolu III ta’ dan ir-Regolament fil-forma ta’ self u għandhom ikunu supplimentari għall-ammonti msemmijin fil-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu.

* Ir-Regolament (UE) 2026/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ ... li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta’ Appoġġ għall-2026 u l-2027 (ĠU L..., ELI: ...).”;

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 6/26 (2026/0008 (COD)) u daħħal in-numru, id-data, ir-referenza ĠU u r-referenza ELI ta’ dak ir-Regolament fin-nota ta’ qiegħ il-paġna.

(2) fl-Artikolu 22(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Mal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 19(1) ta’ dan ir-Regolament fir-rigward tal-ammonti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) ta’ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tidħol f’emenda jew f’addendum għall-ftehim ta’ self mal-Ukrajna msemmi fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-pragrafu bl-għan li tiżgura l-implimentazzjoni tal-ammonti skont il-Kapitolu III ta’ dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tar-regoli dwar id-durata u l-ħlas lura tas-self, inkluż is-sussidju għall-kostijiet tat-teħid b’self, li għandhom ikunu rregolati bir-Regolament (UE) 2026/...⁺”.

(3) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. B’deroga mill-Artikolu 223(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u soġġett għar-riżorsi disponibbli, il-Faċilità tista’ ġġarrab il-kost tal-finanzjament, il-kost tal-ġestjoni tal-likwidità, u l-kost tas-servizz għall-kostijiet ġenerali amministrattivi relatati mal-ġhotti u t-teħid b’self (“is-sussidju għall-kostijiet tat-teħid b’self”), ħlief għall-kostijiet relatati mar-ripagament bikri tas-self u ħlief għall-ammonti li jsiru disponibbli skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2026/...⁺. Għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2024 sal-31 ta’ Diċembru 2027, is-sussidju għall-kostijiet tat-teħid b’self għandu jkun kopert skont il-Kapitolu V ta’ dan ir-Regolament.”.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 6/26 (2026/0008 (COD)).

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
